MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Numru 87/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Bartolo)**

**vs**

**KEITH DARMANIN**
**CHARLES SIVE CHARLOT MANGION**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Keith Darmanin, ta' 26 sena, iben Charles u Grace nee' Vella, imwieled Pieta' nhar is-26 ta' Awissu 1977, u joqghod "Keats", Mater Boni Consigli Street, Fgura, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 454277(M).

Kif ukoll lil Charles sive Charlot Mangion, ta' 28 sena, iben George u Doris nee' Portelli, imwieled Bormla nhar it-30

ta’ Ottubru 1975 u li joqghod St. Mary, Carmel Street, Fgura u li ghandu il-karta tal-identita bin-numru 25276(M).

Gew akkuzati talli f’xi hin bejn is-7.30 ta’ filghaxija tal-14 ta’ Awissu 2001 u it-8.30ta’ filghodu tas-16 ta’ Awissu 2001, waqt li kienu f’Rahal Gdid, ikkommettew serq ta’ oggetti u cioe’ mobile phones u accessorji ohra, aggravat bil-hin, mezz, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltija, u li sar ghad-detriment ta’ Raymond debono minn Tas-Sliema;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahlu sabiex ibieghhom jew imexxihom.

U aktar, Charles sive Charlot Mangion gie akkuzat wahdu talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li nstab hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula

U aktar Keith Darmanin gie akkuzat wahdu talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-provediment tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li b’sentenza moghtija mill-Qrati tal-Malta fis-27 ta’ Lulju 2011, li saret definittiva, u li ma tisghax tinbidel, gie moghti il-liberta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul il-perjodu ta’ tlett snin

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali li jinsabu a fol. 143 tal-Process u nnutat li l-imputati m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur is-Supretendent Carmelo Bartolo ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputati, liema tieni akkuza tirrigwarda ricettazzjoni, inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputati, liema l-ewwel akkuza tirrigwarda serq aggravat u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputati. L-istess Ufficjal Prosekutur is-Supretendent Carmelo Bartolo ghall-Prosekuzzjoni, rigward l-akkuza kif moghtija mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 29 ta' Novembru, 2006 fl-artikolu 21 tal-Kap. 446 gia 5 tal-Kap. 152 fil-konfront taz-zewg imputati, iddikjara li din l-akkuza effettivament kienet inghatat fil-konfront tal-imputat Keith Darmanin biss bhala l-ahhar akkuza fit-Tahrika u ghaldaqstant stante li tali akkuza ma tirrizultax fil-konfront tal-imputat Charles sive Charlot Mangion talab li l-Qorti tillibera lill-istess imputat Charles sive Charlot Mangion minn din l-akkuza stante li ma tirrizultax.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur is-Supretendent Carmelo Bartolo iddikjara, wara li ezamina il-kopja tas-Sentenza li giet ippresentata llum bhala Dok AAP1 li l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat Keith Darmanin, liema akkuza tirrigwarda ksur tal-Provvediment tal-artikolu 5 tal-Kap. 152 illum artikolu 21 tal-Kap. 446 diga' giet provduta minn Qorti ohra u ghaldaqstant talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat Keith Darmanin.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat Keith Darmanin iddikjara li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu u l-imputat Charles sive Charlot Mangion iddikjara li hu hati tal-ewwel akkuza u t-tielet akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk

jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputat Keith Darmanin iddikjara li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu u l-imputat Charles sive Charlot Mangion iddikjara li hu hati tal-ewwel akkuza u t-tielet akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu konsapevoli li l-imputat Keith Darmanin issa miexi fit-triq it-tajba u llum ghandu xoghol stabbilit.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputat Keith Darmanin l-artikoli 261(b), (c) u (f), 263, 267, 270, 278, 279 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat fil-konfront tal-imputat Charles sive Charlot Mangion l-artikoli 261(b), (c) u (f), 263, 267, 270, 278, 279, 49, 50, 289 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Keith Darmanin, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat Keith Darmanin ghall-piena ta’ tlettax (13)-il xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Keith Darmanin jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat Keith Darmanin fid-dawl ta’ dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur is-Supretendent Carmelo Bartolo fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-imsemmija l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat Keith Darmanin, kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-ahhar akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat Keith Darmanin.

Issib lill-imputat Charles sive Charlot Mangion, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza u t-tielet akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-

kaz tikkundanna lill-imputat Charles sive Charlot Mangion ghall-piena ta' tlettax (13)-il xahar prigunerija.

Rigward l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat Keith Darmanin biss, fid-dawl ta' dikjarat u mitlub fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur is-Supretendent Carmelo Bartolo rigward din l-ahhar akkuza b'referenza ghall-imputat Charles sive Charlot Mangion, kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tillibera lill-istess imputat Charles sive Charlot Mangion minn din l-akkuza stante li ma tirrizultax.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra iz-zewg imputati, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub fil-Verbal tas-Seduta tallum dwar din il-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra iz-zewg imputati, kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra iz-zewg imputati.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputati Keith Darmanin u Charles sive Charlot Mangion sabiex fi zmien sitt (6) xhur millum ihallsu fi kwoti ndaqs bejniethom lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' tlett mija u tlettax-il Ewro u tmintax-il centezmu ta' Ewro (Ewro 313.18) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina ta' esperti fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok. CA1.

Finalment il-Qorti qeghda taghti lill-imputat Keith Darmanin l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------